



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' April 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0099(COD)

8042/22
ADD 5

ENV 335
CLIMA 159
CODEC 469

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' April 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2022) 97 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HĊDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 517/2014

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument SWD(2022) 97 final.

Mehmuż: SWD(2022) 97 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 5.4.2022
SWD(2022) 97 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

[...]

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 u li
jħassar ir-Regolament (UE) Nru 517/2014

{COM(2022) 150 final} - {SEC(2022) 156 final} - {SWD(2022) 95 final} -
{SWD(2022) 96 final}

L-emissjonijiet tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra (gassijiet F) jirriżultaw fit-**tisħin tal-klima**. Il-prevenzjoni ta' dawn l-emissjonijiet hija kontribuzzjoni importanti biex jinkisbu l-**miri klimatiċi tal-UE** fil-**Patt Ekoloġiku Ewropew** u biex inżommu l-impenji li ħadna skont il-**Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima** u l-**Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu** li jirregolaw il-gassijiet F. Azzjoni kosteffiċjenti fil-livell tal-UE dwar il-gassijiet F se tappoġġa lill-Istati Membri biex jilħqu l-mira nazzjonali tagħhom tal-gassijiet serra skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi.

Ir-Regolament (UE) Nru 517/2014 dwar il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra huwa l-istrument ewlieni tal-UE biex jiġu evitati l-emissjonijiet tal-gassijiet F u biex ikun hemm konformità mal-Protokoll ta' Montreal. **Il-gassijiet F huma sustanzi kimiċi magħmula mill-bniedem** li jintużaw għal ħafna skopijiet differenti, eż. bħala refriġeranti f'taġħmir tat-tkessiġ u kondizzjonaturi tal-arja inklużi pompi tas-sħana, fil-produzzjoni kimika, bħala propellant fi sprejs tal-ażma jew bħala materjali iżolanti f'taġħmir tat-trażmissjoni elettrika jew fowms fil-bini. L-emissjonijiet iseħħu meta l-gassijiet jiġu prodotti, użati fi prodotti jew taġħmir jew meta dawn tal-aħħar jintremew.

Evalwazzjoni sabet li r-Regolament dwar il-gassijiet F inaqqas l-emissjonijiet b'mod konsiderevoli u li jaħdem relattivament tajjeb. Madankollu, ir-Regolament **jeħtieġ aktar ambizzjoni fid-dawl tal-mira klimatika msaħħa tal-UE għall-2030 u l-għan li tintlaħaq in-newtralità klimatika sal-2050**. Barra minn hekk, **il-konformità mal-Protokoll ta' Montreal ma tistax tiġi żgurata fit-tul** bir-regoli attwali. Hemm ukoll xi **sfdi ta' implimentazzjoni** inkluż il-ħtieġa li jitwaqqfu l-attivitajiet illegali, u xi **lakuni u ineffiċjenzi fil-monitoraġġ**. Rieżami joffri wkoll il-possibbiltà li jittejbu **ċ-ċarezza u l-koerenza** tar-Regolament ma' politiki oħra.

Il-Kummissjoni se tipproponi rieżami tar-Regolament abbażi ta' din il-valutazzjoni tal-impatt. Tfasslu **tliet pakketti ta' għażliet** biex jindirizzaw il-kwistjonijiet identifikati sa punt li jvarja. L-**Għażla 1** tikkonsisti f'miżuri li **jiżguraw il-konformità mal-Protokoll ta' Montreal**, u tfittex li tiffranka emissjonijiet addizzjonali u titjib li jista' jsir **b'kostijiet u sforzi pjuttost baxxi**. Minbarra dan, l-**Għażla 2** tinkludi wkoll miżuri li jkomplu jnaqqsu l-emissjonijiet u jiżguraw monitoraġġ u kontroll aktar komprensivi, **assoċjati ma' kostijiet moderati**. L-**Għażla 3** tinkludi l-miżuri kollha meqjusa utli u teknikament fattibbli, inklużi wkoll dawki li jistgħu jiġu **b'kost jew sforz għoli**.

L-Għażla 2 hija l-kombinazzjoni ppreferuta ta' miżuri. L-ewwel pakkett tal-għażla jidher li mhuwiex biżżejjed fil-kuntest politiku attwali peress li jonqos milli jiffranka aktar emissjonijiet mil-linja bażi sal-2050, minkejja li jneħħi eżenzjoni kwantitattivament importanti mis-sistema tal-kwoti, u t-tielet pakkett tal-għażla jidher li jiswja wisq meta mqabbel mal-benefiċċji li jiġġenera, jiġifieri li jwassal għal piż kbir ħafna għal ftit sottosetturi filwaqt li jirriżulta fi ftit iffrankar addizzjonali tal-emissjonijiet meta mqabbel mal-Għażla 2.

Meta mqabbla mal-lum, l-**Għażla 2 se tkompli tirrestrinġi l-ammont tal-kwota disponibbli** għat-tqegħid tal-idrofluworokarburi fis-suq kull sena sal-2050, u l-produtturi

u l-importaturi tal-UE se jkollhom jib dew **iħallsu għad-drittijiet tal-kwota tagħhom**. Diversi tipi ta' tagħmir ġodda se jsiru wkoll soġġetti għal **projbizzjonijiet ta' gassijiet F** (eż. arja kondizzjonata u kommutaturi) u **l-miżuri ta' prevenzjoni tal-emissjonijiet huma estiżi**. L-Għażla 2 se **tallinja r-Regolament mal-Protokoll ta' Montreal billi tneħħi xi eċċezzjonijiet**, billi tintroduċi **tnaqqis gradwali tal-produzzjoni separat għaql-idrofluworokarburi**, u billi **ttemm in-negozju man-non-Partijiet mill-2028**. Barra minn hekk, se jiġu introdotti rekwiżiti speċifiċi għall-proċessi doganali u l-operaturi ekonomiċi biex **jiġu evitati attivitajiet illegali**, filwaqt li **l-persunal tas-servizz tat-tagħmir se jkun imħarreġ b'mod aktar wiesa'** dwar teknoloġiji alternattivi. Fl-aħħar nett, l-attivitajiet ta' **monitoraġġ** u ta' **rappor tar** tal-kumpaniji se jsiru aktar kompluti u adattati għall-iskop tagħhom.

L-Għażla 2 se tiffirka emissjonijiet li jammontaw għal 40 MtCO₂e sal-2030 u 310 MtCO₂e sal-2050 flimkien mal-ammont li jkiseb ir-Regolament attwali (jiġifieri ffrankar ta' 430 u 1990 MtCO₂e, rispettivament). Filwaqt li xi utenti tat-tagħmir se jiffaċċjaw żidiet fil-prezzijiet għall-idrofluworokarburi minħabba limiti tal-kwota aktar stretti, **b'mod ġenerali l-Għażla 2 se tirriżulta fi ffrankar tal-kostijiet** għall-utenti tat-tagħmir fit-tul minħabba l-iffirka tal-enerġija. **Il-kostijiet amministrattivi se jiżdiedu** b'mod moderat għall-industrija, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, b'mod partikolari biex il-miżuri jiġu allinjati mar-regoli internazzjonali u jinkisbu kontrolli aħjar.

B'reazzjoni għall-kriżi tal-gass naturali minħabba avvenimenti ġeopolitiċi reċenti, il-Kummissjoni pproponiet li tavanza l-introduzzjoni tal-pompi tas-sħana. Filwaqt li huwa importanti li tiżied kemm l-effiċjenza enerġetika kif ukoll jiġu limitati l-emissjonijiet diretti tal-gassijiet F tal-pompi tas-sħana, is-sistema tal-kwoti fl-Għażla 2 tipprova marġni suffiċjenti għal dan it-tkabbir oġġla, anki jekk tiġi kkunsidrata konverżjoni kemxejn aktar bil-mod tal-pompi tas-sħana żgħira għal alternattivi li ma jagħmlux ħsara lill-klima.

Għalhekk, it-tnaqqis gradwali jidher koerenti mal-miri għall-enerġija rinnovabbli, anke jekk jitqies it-tkabbir ferm oġġla tal-pompi tas-sħana meħtieġ fid-dawl tal-kriżi attwali tal-enerġija tal-gass naturali u l-konverżjoni kemxejn aktar bil-mod li tirriżulta, ta' pompi tas-sħana żgħira għal alternattivi li ma jagħmlux ħsara lill-klima.

Il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati b'mod estensiv. Huma jaqblu li huwa hemm bżonn li issa r-Regolament jiġi rieżaminat u li r-rieżami tiegħu għandu jibni fuq miżuri eżistenti. L-industrija, l-Istati Membri u l-NGOs, b'mod ġenerali, **jappoġġaw il-miżuri li jindirizzaw l-isfidi tal-implimentazzjoni u l-konformità mal-Protokoll ta' Montreal**. Fir-rigward tal-livell ta' ambizzjoni għat-tnaqqis gradwali u l-projbizzjonijiet tal-HFCs, b'mod partikolari relatati mal-użu tal-gassijiet F fil-pompi tas-sħana, xi partijiet ikkonċernati tal-industrija jqisu li r-Regolament attwali huwa ambizzjuż biżżejjed, filwaqt li l-innovaturi u l-manifatturi ta' teknoloġiji li ma jagħmlux ħsara lill-klima qed jinsistu għal motivaturi tal-politika aktar b'saħħithom biex iqiegħdu fis-suq is-

soluzzjonijiet tagħhom. Dan tal-aħħar huwa appoġġat ukoll minn NGOs u ħafna awtoritajiet kompetenti. Dan jidher fit-tliet għażliet eżaminati.